II

(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

KUNSILL

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tas-7 ta' April 2008

dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tan-Nepal dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru

(2009/117/KE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 80(2), flimkien mal-ewwel sentenza tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

(1) Fil-5 ta' Ġunju 2003, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati ma' terzi pajjiżi dwar il-bdil ta' ċerti dispożizzjonijiet fi Ftehimiet bilaterali eżistenti bi Ftehim Komunitarju.

(2) Il-Kummissjoni nnegozjat, f'isem il-Komunità, Ftehim man-Nepal dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru f'konformità mal-mekkaniżmi u d-direttivi fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati ma' terzi pajjiżi dwar il-bdil ta' ċerti dispożizzjonijiet fi Ftehimiet bilaterali eżistenti bi Ftehim Komunitarju.

(3) Il-Ftehim għandu jiġi ffirmat u applikat provviżorjament, suġġett għall-konklużjoni possibbli tiegħu f'data aktar 'il quddiem,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tan-Nepal dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru huwa b'dan approvat f'isem il-Komunità, suġġett għall-konklużjoni possibbli tiegħu f'data aktar 'il quddiem.

It-test ta' dan il-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill b'dan huwa awtorizzat jinnomina l-persuna jew il-persuni bis-setgħa li tiffirma/jiffirmaw il-Ftehim f'isem il-Komunità.

Artikolu 3

Fl-istennija tad-dħul fis-seħħ tiegħu, il-Ftehim għandu jiġi applikat provviżorjament mill-ewwel jum tal-ewwel xahar wara d-data li fiha l-partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin li l-proċeduri kollha meħtieġa għal dan il-għan ikunu tlestew [1].

[1] Id-data minn meta l-Ftehim għandu japplika provviżorjament se jiġi ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat tal-Kunsill.

Artikolu 4

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jagħmel in-notifika prevista fl-Artikolu 9(2) tal-Ftehim.

Magħmula fil-Lussemburgu, 7 ta' April 2008.

Għall-Kunsill
Il-President
R. ŽERJAV